MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2004

Appell Kriminali Numru. 80/2004

**Il-Pulizija**

**vs**

**Generoso Sammut**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Generoso Sammut:

Talli fit-23 ta’ Marzu 2002, ghall-habta tad-9.30a.m. fil-Mosta jew fi bnadi ohra f’dawn il-Gzejjer, uza xi sistema jew apparat ta’ telekomunikazzjonijiet provduti minn

provditur awtorizzat ghal xi ghan li ma kienx dak li ghalih gie provdut, jew naqas milli josserva dawk l-istruzzjonijiet li inhargu minn provditur awtorizzat ghall-uzu sew tas-sistema tat-telekomunikazzjonijiet jew taghmir jew ghamel uzu minnu mhux sew;

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta' Dr. Angelo Farrugia LL.D., M.P., weggghu bi kliem jew b'xi mod iehor;

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi hedded bil-fomm lil Dr. Angelo Farrugia LL.D., M.P. meta flimkien mat-theddid kien hemm ordni jew kundizzjoni;

Talli sar recidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati datata 24 ta' Awissu 1999 u b'sentenza tal-Qorti ta' l-Appell datata 2 ta' Awissu 1999, liema sentenzi saru definittivi;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-23 ta' Marzu 2004 li permezz taghha dik il-Qorti lliberat lill-imsemmi Generoso Sammut mill-ewwel imputazzjoni kif ukoll mill-imputazzjoni li sar recidiv izda sabitu hati tat-tieni imputazzjoni u kkundannatu ghall-hlas ta' ammenda ta' hamsa u ghoxrin liri (Lm25) kif ukoll rabtitu b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' mitt lira (Lm100) ghal perijodu ta' tnax-il xahar mid-data tas-sentenza li ma jimmolestax lil Dott. Anglu Farrugia jew lill-familjari tieghu;

Rat ir-rikors ta' appell tat-29 ta' Marzu 2004 ta' l-imsemmi Generoso Sammut li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi "tikkonfermaha in kwantu sabitu mhux hati ta' l-ewwel, it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet, u tirrevokaha, thassarha u tannullaha in kwantu sabitu hati tat-tieni imputazzjoni u kkundannatu ghall-hlas ta' ammenda ta' Lm25 u imponiet garanzija fuqu a tenur ta' l-Artikolu 383 tal-Kap 9 u tillibera lill-esponent minn kull htija u piena skond il-ligi";

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni dwar l-ewwel aggravju ta' l-appellant;

Ikkunsidrat:

Fis-seduta ta' l-14 ta' Settembru 2004 gie trattat l-ewwel aggravju ta' l-appellant, cioe` dak li l-kawza quddiem l-ewwel Qorti nstemghet fl-assenza ta' l-avukat difensur tieghu, u l-appell thalla ghas-sentenza dwar tali aggravju bil-fakolta` lil Dott. Tonio Azzopardi ghall-appellant li jipprezenta nota ta' riferenzi bil-visto tal-kontroparti fi zmien tlett ijiem filwaqt li l-kontro-parti jkollha zmien tlett ijiem biex tipprezenta risposta. Din il-Qorti tosserva li l-ebda nota ma gietipprezentata fit-termini moghtija u ghalhekk ghaddiet biex tezamina l-atti tal-kawza.
Minn dan l-ezami pero`, u specifikatament minn ezami tas-sentenza appellata, irrizultalha li l-ewwel Qorti ma ghamlet l-ebda riferenza ghat-"tielet imputazzjoni". L-appellant ghamel osservazzjoni dwar dan fir-rikors ta' appell tieghu u assuma li l-ewwel Qorti kienet iddikjaratu "mhux hati" taghha wkoll.

Issa, l-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali jiddisponi hekk:

**"Il-qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat".**

Minn ezami tas-sentenza ta' l-ewwel Qorti jirrizulta li hija ddikjarat lill-appellant hati tat-"tieni" imputazzjoni biss filwaqt li lliberatu mill-"ewwel" imputazzjoni u minn dik ("ir-raba'") li sar recidiv. Dwar it-"tielet" imputazzjoni baqghet siekta: la ddikjarat il-htija dwar dik l-imputazzjoni u lanqas ma lliberat lill-appellant minnha. Huwa veru li l-ewwel Qorti rriferiet biss ghall-artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9 bhala l-artikolu tal-ligi li jikkontempla r-reat li dwaru kienet qed issib il-htija. Izda b'daqshekk l-appellant ma jistax jassumi li gie lliberat mit-tielet imputazzjoni galadarba l-ewwel Qorti ma ddikjaratx li kienet qed tilliberah minnha wkoll. Jekk kienet qed issib il-htija anke dwar din l-imputazzjoni naturalment kellha tirreferi ghall-artikolu tal-ligi relattiv.

Jekk mill-banda l-ohra kellha l-intenzjoni li tillibera lill-appellant (allura imputat) minn dik l-imputazzjoni, kellha tghid hekk fis-sentenza taghha[1].

F'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti ssib li s-sentenza appellata hi difettuza minn wiehed mir-rekwiziti essenzjali u ghalhekk jirrendi s-sentenza appellata nulla. Ghaldaqstant din il-Qorti sejra tiddikjara *ex officio* s-sentenza ta' l-ewwel Qorti nulla u, a tenur ta' l-artikolu 428(3) tal-Kap. 9, sejra tittratta l-kaz fil-mertu. Ghalhekk m'hemmx lok li jigi investigat l-ewwel aggravju ta' l-appellant.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' l-ewwel aggravju ta' l-appellant, tiddikjara *ex officio* s-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Generoso Sammut** moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-23 ta' Marzu 2004 nulla u tiddifferixxi l-appell ghall-25 ta' Ottubru 2004 fid-9.00 a.m. sabiex jigi trattat fil-mertu.

**< Sentenza In Parte >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[1] Is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 377 tal-Kodici Kriminali jipprovdi: **"Meta jinghalaq is-smigh tal-kawza, il-qorti, dak in-nhar stess, jekk jista' jkun, taghti s-sentenza, billi <u>tillibera jew tikkundanna</u> lill-imputat"**.